

Brussell, 1 ta' Frar 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0015 (COD)

5671/17
ADD 2

TRANS 28
CODEC 107
MI 91
EDUC 32

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Frar 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2017) 26 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/59/KE dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perijodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri u d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas- sewqan

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2017) 26 final.

Mehmuż: SWD(2017) 26 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.2.2017
SWD(2017) 26 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li temenda d-Direttiva 2003/59/KE dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri u d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan

{COM(2017) 47 final}
{SWD(2017) 27 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-Impatt għal Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/59/KE dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ peridiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri u d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema?
Problemi ewlenin: 1) diffikultajiet marbuta mar-rikonoxximent reċiproku tat-taħriġ 2) kontenut tat-taħriġ mhux kompletament rilevanti għall-ħtiġijiet tas-sewwieqa 3) diffikultajiet u incertezzu legali fl-interpretazzjoni tal-eżenzjonijiet 4) inkonsistenzi fir-rekwiżiti tal-età minima bejn id-Direttiva dwar il-kwalifika inizjali u t-taħriġ peridiku tas-sewwieqa (id-Direttiva) u d-Direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan (DLD)
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
Objettiv ġenerali: tikkontribwixxi għas-sikurezza stradali u l-moviment ħieles tas-sewwieqa professjonali Objettivi speċifiċi (SO): 1) simplifikazzjoni tal-prattiċi amministrattivi għar-rikonoxximent reċiproku fl-Istati Membri 2) kontenut tat-taħriġ li jiġbor flimkien l-ICT, is-sikurezza stradali u l-effiċjenza tal-fjuwil 3) titjib taċ-ċarezza u l-konsistenza legali ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
Soluzzjonijiet effiċjenti għal problemi transnazzjonali Sistemi ta' taħriġ imtejba Kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi tat-trasport bit-triq f'termini ta' standards ta' sikurezza stradali

B. Soluzzjonijiet
Liema għażliet ta' politika leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?
Għażliet ta' politika leġiżlattiva SO1: a) rikonoxximent obligatorju tas-CPCs (ċertifikati ta' kompetenza professjonali) bejn l-Istati Membri b) rekwiżit li jinħarġu Kards ta' Kwalifika tas-Sewqan (DQC) jekk il-kodiċi 95 ma jistax jiġi indikat fuq il-liċenzja tas-sewqan c) estensjoni tas-sistema tal-informazzjoni għal-liċenzji tas-sewqan (RESPER) biex tkopri t-taħriġ CPC Miżuri alternattivi fir-rigward ta' sewwieqa mhux tal-UE: 1) rikonoxximent tal-attestazzjonijiet tas-sewwieqa jekk il-kodiċi 95 ma jkunx indikat jew 2) l-immarrar tal-kodiċi 95 fuq l-attestazzjoni tas-sewwieq Fir-rigward ta' SO2 u SO3: titjib tar-rilevanza tat-taħriġ, fejn tiġi dikjarata b'mod ċar il-possibbiltà li jintużaw it-tagħlim elettroniku u t-taħriġ imħallat l-iċċarar tal-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet l-allinjament mad-DLD tar-rekwiżiti tal-età minima <u>Għażla ppreferuta:</u> SO1 (b) flimkien mal-miżura (1) alternattiva.
Liema għażla u min jappoġġaha?
Fil-prinċipju l-partijiet ikkonċernati appoġġaw l-għażliet ta' politika kollha. L-Unjoni Internazzjonali tat-Trasport bit-Triq (IRU) appoġġat it-titjib tas-sistema tat-taħriġ attwali u l-adattament tagħha għall-ħtiġijiet tal-lum L-Istati Membri kienu mħassba li l-ħruġ tad-DQCs jista' jkun piż żejjed

C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Riżolviment tal-kwistjonijiet ta' rikonoxximent reċiproku u iffrankar tal-ispejjeż ta' EUR 2.30 miljun għan-negozji u EUR 6.7 miljun għas-sewwieqa (2018-2030) Titjib tal-effiċjenza tas-sistema tat-taħriġ Ċarezza u konsistenza mtejbja tad-Direttiva ma' atti legali rilevanti oħrajn tal-UE
X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?
Spejjeż stmati (2018-2030): spejjeż regolatorji: EUR 6.3 miljun spejjeż tranżitorji (fuq erba' snin) għal bidliet fil-kontenut tat-taħriġ: sa EUR 14.1-il miljun
Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?
L-SMEs tat-trasport huma mistennija li jibbenefikaw minn provvista akbar ta' ħaddiema u inqas spejjeż L-ispejjeż possibbli għar-rieżami tal-kontenut tat-taħriġ mhumiex mistennija li jaqgħu l-5 %
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Xejn ħlief l-ispejjeż regolatorji
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
Le
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Il-Kummissjoni se tagħmel monitoraġġ tal-effetti tal-politika l-ġdida billi tikkopera mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti.